MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 2189/2000/1

**Raymond Bajada eżerċenti l-kummerċ bħala Casa Design**

**v.**

**Alfred u Catherine konjuġi Mallia**

## Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-attur Raymond Bajada mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' April 2010 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza u għalhekk tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi u

tikkundanna lill-konvenuti jħallsuh is-somma likwidata mill-istess Qorti bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti appellati.

Għall-intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"1. Din hija kawża dwar appalt li nħall qabel il-waqt. L-attur kien imqabbad mill-konvenuti biex jagħmlilhom xogħol ta' għamara iżda l-konvenuti ħallew l-appalt wara li l-attur kien beda x-xogħol. Billi igħid illi l-konvenuti ma kellhomx raġuni tajba biex iħollu l-appalt, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

"1.1 tgħid illi l-konvenuti ħallew l-appalt mingħajr raġuni li tiswa fil-liġi;

"1.2 tillikwida d-danni li ġarrab minħabba f'hekk l-attur; u

"1.3 tillikwida l-qligħ li tilef l-attur kif igħid l-art. 1640 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

"1.4 tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dak li jiġi likwidat taħt it-tieni u t-tielet talbiet, flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

"2. Il-konvenuti wieġbu b'nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2000.

"3. Din il-kawża nstemgħet flimkien ma' kawża oħra fl-ismijiet Alfred Mallia *et versus* Raymond Bajada (ċitazzjoni numru 932/2000) li kienet kawża mibdija mill-konvenuti tallum kontra l-attur tallum biex il-qorti (1) tgħid illi l-konvenuti (atturi f'dik il-kawża) temmew l-appalt għal raġuni li tiswa; (2) tgħid illi huma kienu għamlu ħlas lill-attur (konvenut f'dik il-kawża) akkont tal-prezz tal-appalt; (3) tillikwida d-danni li l-konvenuti ġarrbu minħabba n-nuqqas tal-attur li jwettaq il-ftehim; (4) tillikwida l-valur tal-utilità għall-konvenuti tax-xogħol li għamel l-attur; u (5) tikkundanna lill-attur irodd dak li tħallas żejjed.

"4. B'sentenza mogħtija f'dik il-kawża fit-12 t'Ottubru 2007 il-qorti kienet sabet illi x-xogħol magħmul mill-attur ma huwiex komplut u illi l-konvenuti kienu għamlu ħlasijiet ta' tmint elef, disa' mija u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€8,972.75) akkont. B'sentenza oħra mogħtija fil-11 ta' Frar 2010 il-qorti sabet illi, meqjusa d-danni li ġarrbu l-konvenuti talli temmew l-appalt għal raġuni tajba, u meqjusa wkoll l-utilità għalihom tax-xogħlijiet magħmula mill-attur, l-attur jistħoqqlu ħlas ta' sitt elef, mitejn u erbatax-il euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€6,214.77). Billi l-attur kien tħallas tmint elef, disa' mija u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€8,972.75) akkont, il-qorti ikkundannat lill-attur irodd elfejn, seba' mija u sebgħa u ħamsin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,757.98), flimkien mal-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni, u ikkundannatu wkoll iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

"5. Għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija, l-ewwel talba tal-attur ma tistax tintlaqa', għax il-konvenuti ħallew l-appalt għal raġuni tajba, billi x-xogħol ma tlestiex għal kollox kif riedu l-arti u s-sengħa; il-likwidazzjonijiet mitluba fit-tieni u t-tielet talbiet saru fis-sentenza tal-11 ta' Frar 2010, u għalhekk ma huwiex meħtieġ provvediment ieħor dwar dawk it-talbiet; u dak li kellu jieħu l-attur ġie paċjut ma dak li kellu jrodd, u għalhekk lanqas dwar ir-raba' talba ma hu meħtieġ provvediment ieħor.

"6. L-ispejjeż ta' din il-kawża għandu jħallashom l-attur."

Il-konvenuti konjuġi Mallia ma wieġbux għar-rikors.

**<u>Dwar l-ewwel aggravju:</u>**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa fis-sens li s-sentenza appellata erronjament ibbażat il-konlużjonijiet tagħha fuq il-fatt li fl-ewwel sentenza tagħha tal-11 ta' Frar 2010 hija kienet iddeċidiet li l-appellati kellhom raġuni tajba jwaqqfu l-appalt meta fil-fatt, dejjem skont l-appellant, hija qatt ma għamlet dan. Huwa jibbaża dan l-argument fuq il-fatt li fid-decide tagħha l-Qorti ddeċidiet li x-xogħol ma kienx tlesta u mhux li ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Dan l-argument pero` ma hux konvinċenti; jekk wieħed jara' s-sentenza msemmija kollha, mill-ewwel jasal għal konklużjoni li l-Qorti kienet iddeċidiet ukoll li l-appellati kellhom raġuni jitterminaw l-appalt. Insibu infatti eżatt qabel il-parti finali tas-sentenza tal-11 ta' Frar 2010 li l-Qorti qalet illi hija waslet għal konklużjoni ***li l-konvenut jistħoqqlu ħlas skont is-sub-inciż (3) u mhux (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili*** li jfisser allura li l-parti l-oħra kellha raġuni tajba biex twaqqaf l-appalt.

**Dwar l-aggravji l-oħra:**

Dwar l-aggravji l-oħra l-Qorti allura tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet inversi li qed tingħata llum stess. Peress li l-ammonti dovuti lill-appellant gew likwidati f'dik is-sentenza, din il-Qorti neċċessarjament se tagħmel bħal ma għamlet l-ewwel Qorti u cioe` tastjeni milli tipprovdi fir-rigward tagħhom f'din is-sentenza peress li s-somma dovuta lill-appellant ġiet paċuta f'dik is-sentenza ma' somma akbar li huwa għandu jagħti lill-appellati.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-appell billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjeż kollha a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------